Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,463, 18 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 334 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati (Emenda Nru 3) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 465. 47.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-19 ta' Awwissu 2020.

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti principali.

2. Ir-regolament 4 tar-regolamenti principali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Projbizzjonijiet relattivi għal bars u każini.

4. Bars u każini għandhom iservu biss ikel u, xorb ma' ikel, u biss lill-klijenti bil-qiegħda mal-imwejjed.".